# U DIN SEJĦULHA MĦABBA!

Imħabba kullimkien.....
Bews kullimkien: fid-dawl, fid-dlamijiet,
fl-agħjat u l-ġenn taż-żfin,
fuq ix-xtajtiet, fit-toroq,
tgħanniq u bews fuq it-televiżjoni,
fuq il-liżar taċ-ċinema,
fuq il-palkijiet.

Bews li jrid juri mħabba,
imħabba l-iktar sħiħa:
imħabba li jgħannuha lejl u nhar
f'eluf ta' għanjiet sbieħ,
bi kliem lelliex,
għanjiet ta' mħabba
li jerġgħu jisimgħuhom u jsemmgħuhom
fuq diski u radjijiet.

* * *

Mibegħda kullimkien ....
Ġlied kullimkien: fid-djar u ġewwa l-qrati
l-agħjat u l-ġenn tal-għira,
il-firda bla mistrieħ.
Mibegħda u ġlied fuq it-televiżjoni,
fuq il-liżar taċ-ċinema,
fuq il-palkijiet.
Ġlied li jurik il-firda u l-mibegħda,
divorzju kullimkien.

Mibegħda li jħossuha l-qlub imkissra,
qlub ta' familji mfarrka,
l-iltiema u t-tfal mitluqa
li jibqgħu jbatu u jisthu għal għomorhom
lil min għanna l-imħabba,
lil min tgħannaq u tbewwes
u lilhom ġabhom hawn fid-dinja
biex jinħaqru.

DUN FRANS CAMILLERI.



# IL-KOBOR TA' ALLA

ta' Wallace Ph. Gulia

Kemm Inti kbir, Mulej, kemm Inti kbir!
mhux mill-ispazju
ma jaqtax, bla tarf ta' l-univers;
imma għaċ-ċokon illi ma jidhirx
għaraft il-ħajja tnissel, tibni, tfantas...
ċrieki ta' ħġejjeġ ma jidhrux
jagħqdu ma' xulxin u jibnu
l-materja samma.
li fil-waħx tal-kobor tagħha
għar-regli toqgħod
li miljuni ta' snin ilu
fassalt għall-iċken tikka trab,
maħlula, jew magħquda jew ittir fil-baħħ...
jew mill-ilwien li ħlomt
li jgħaxxqu s-sema ta' kuljum u jbiddlu;
mill-ward u l-għajnejn sbieħ.
Kemm aħna boloh kif nistagħġbu
meta ma' ġenb xi waħx ta' fabbrika mifruxa
fuq mijiet w eluf ta' ixbra w tmien
ngħaddu f'artijiet imbegħda;
meta fiċ-ċokon ta' l-iktar bniedem goff
misturin fiċ-ċokon li ma jidherx
l-Għaġeb li Int, għaraf
bil-meravilja tas-sensi kollha
li tajtna biex nitgħaxxqu
biK minn hawn kuljum!
Kemm inti kbir, Mulej, kemm Int sabiħ!
jurini l-għaġeb ta' bebbuxu jimxi
mal-ħajt imkaħħal;
jew saqajn il-brimb:
jol-ġwejnaħ ta' wirdiena.
taħsdek f'nofs lejl;
u l-fwieħa tar-ranċis f'Wied Qirda tagħna!
Kemm Inti kbir, Mulej, kemm Int sabiħ!
Għax Inti daqshekk kbir, Mulej taħfrilna.
Li kieku ma taħfirx minn mhux maħruq
ġo raġġ ta' xmara elettrika
li biha l-univers sawwabt u bnejt?

22/vii/71.